# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 20 ta' Ottubru 2000**

**Numru 52**

**Citaz. numru** 497/96 DS

A. & P. Caruana CompanyLimited
vs
Nazzareno Cassar

Illum, 20 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Frar 1996 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi, bhala effett ta' appogg minnu pratikat, il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm420.45,0) bhala rifuzjoni ta' nofs l-ispejjez tal-hajt divizorju ta' bejn il-fond Sunrise, Triq L-Imqades tal-Qedem, Tarxien, li kien propjeta' tal-konvenut, u beni tas-socjeta' attrici, kif ukoll ta' nofs id-drittijiet professjonali skond kejl u konteggi li saru mill-Perit Joseph Mangion kif jirrizulta mic-certifikat relattiv datat 23 ta' April 1994 u li kopja tieghu hija annessa u markata Dok.A;

Illi l-konvenut, interpellat ufficjalment biex ihallas l-ammont fuq indikat, baqa' inadempjenti;

talbet lil din il-Qorti li:

(1) tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha mija u ghoxrin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm420.45,0) bhala effett tal-appogg minnu pratikat, rappresentanti nofs l-ispejjez tal-hajt divizorju ta' bejn il-fond Sunrise, Triq l-Imqades tal-Qedem, Tarxien, li kien propjeta' tal-konvenut, u beni tas-socjeta' attrici, kif ukoll ta' nofs id-drittijiet professjonali tal-perit.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 1994, u bl-imghax legali mill-11 ta' Dicembru 1995 (u cioe' id-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali) kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru 1996 li permezz tieghu gie ordnat l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata tardivament;

Rat id-digriet tal-21 ta' April 1997 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-7 ta' April 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut ghall-appogg li l-konvenut kien ipprattika mal-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet rispettivi taghhom. Is-socjeta` attrici qed tippretendi s-somma ta' Lm420.45 skond certifikat rilaxxjat mill-A.I.C. Joseph Mangion. Il-konvenut ikkontesta dan l-ammont u skond in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sostna li l-ammont dovut huwa ta' Lm144.35.

Il-perit tekniku zamm zewg accessi. Waqt l-ewwel access indika li kien opportun li jsir thaffir fil-parti fejn kien hemm il-hamrija sabiex ikun jista' jistabilixxi l-fond tal-pedamenti stante li kien hemm diskrepanza bejn dak sostnut mis-socjeta` attrici u dak li kien qed jikkontendi l-konvenut.

Fit-tieni access il-perit tekniku seta' jikkonstata li l-fond tal-pedamenti kien ta' tlettax-il filata, u cioe` kemm kienet sostniet s-socjeta` attrici. Huwa osserva li s-socjeta` attrici kienet bniet din il-parti tal-hajt dobblu u wara s-saff tal-qatran il-bini tal-hajt tkompla billi ttella' hajt singlu fuq il-

parti esterna, u cioe` fuq in-naha fejn gie pprattikat l-appogg. Huwa kkonkluda li l-qoxra esterna tal-hajt hija mibnija fuq il-linja medjana filwaqt li l-qoxra l-ohra (dik pedamenti biss) ittellghet fuq il-proprjeta` tas-socjeta` attrici u ghalhekk qed isservi lilha biss. Ghaldaqstant filwaqt li l-perit tekniku qabel mal-qisien kollha ndikati fil-kont ta' l-A.I.C. Mangion, issottometta li l-konvenut m'ghandux ihallas ghall-pedamenti bid-dobblu izda bis-singlu, u inoltre ghandu jhallas biss ghal nofs il-wisa' ta' l-iskavar u tas-sodda tal-konkos. Konsegwentement il-konvenut hu tenut li jhallas ghal nofs l-ispejjez tal-hajt daqs li kieku kien kollu mibni singlu, u dan fl-ammont ta' Lm267.87.

Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2000, Dr. Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta` attrici rrimetta ruhu ghar-rapport.

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet peritali u li ghalhekk qed taghmel taghha. In vista tal-konkluzjoni raggunta dwar il-fond tal-pedamenti, taqbel li l-ispejjez tat-thaffir li sar mis-socjeta` attrici sabiex jigi stabbilit il-fond tal-pedamenti fil-mori tal-perizja jigu sopportati **fl-intier** mill-konvenut. Tosserva pero` li ma saret l-ebda prova dwar l-ammontanti taghhom u ghalhekk mhijiex se ssir konsiderazzjoni ulterjuri fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm267.87 u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta' Lm267.87 rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-hajt divizorju bejn il-fond "Sunrise", Triq l-Imqades tal-Qedem, Tarxien, li kien proprjeta` tal-konvenut, u beni tas-socjeta` attrici kif ukoll nofs id-drittijiet professjonali tal-perit, u dan bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez li jithallsu terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi mill-konvenut.

**Onor. Imhallef**
**Dr. David Scicluna**

D/Registratur